MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1330/2000/1

**Sea Bank Catering Co. Ltd.**

**-vs-**

**Incoming Travel Bereau Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-27 ta' Gunju, 2000 li permezz taghha il-bank attur ppremetta:

Illi llum s-socjeta' attrici hi kreditrici tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm2,623.45, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta' akkomadazzjoni provdut mis-socjeta' attrici fis-Seabank Hotel, Marfa Road, Mellieha Bay, Mellieha, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta. (Dok. "A")

Illi nonostante diversi talbiet ghall-hlas is-socjeta' kovenuta baqghet inadaemjenti u ma hallsitx.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li s-socjeta' attrici hi kreditrcii tas-socjeta' konvenuta fl-ammont ta' Lm2.623.45, bilanc minn somma akbar, rapprezentanti valur ta' akkomadazzjoni provdut mis-socjeta' attrici fis-Seabank Hotel, Marfa Road, Mellieha Bay, Mellieha, fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmi ammont ta' Lm2,623.45 ai termini ta' l-ewwel talba attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 21 ta' Frar 2000 u tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatroju pprezentat kontestwalment u bl-imghax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra s-socjeta' konvenuta rapprezentanti ta' liema huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Guido Debono ID 207849 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata fit-12 ta' Settembru, 2000 li permezz taghha is-socjeta' konvenuta INCOMING TRAVEL BUREAU LIMITED eccepiet:

1. ILLI t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dan stante li ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici;

2. ILLI s-socjeta' konvenuta hallset l-ammont mitlub minghajr pregudizzju u dan permezz ta' zewg bank drafts datati 20 u 26 ta' Gunju 2000 rispettivament;

3. ILLI minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont in kwistjoni huwa kkontestat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri u bir-riserva ta' kull dritt u azzjoni fil-ligi ghad-danni kkawzati minhabba s-sekwestru maghmul fuq l-assi tas-socjeta' konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta mahlufa minn Raymond Said ID. 471561 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-atturi li permezz taghha l-ammont minnhom pretiz gie ridott ghal Lm578, 10c;

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-konvenuti naqsu illi jipproducu provi;

Jidher li l-uniku kwesit d'din il-kawza hu jekk l-atturi kienux gustifikati illi jipprocedu ghall-ammont mitlub originarjament billi l-konvenuti baghtu zewg cheques fis-26 ta' Gunju 2000. Billi l-kawza giet intavolata gurnata wara hu verosimili li l-atturi kienu ghadhom ma rcevewx ic-cheques imsemmija, infatti huma irriducew l-ammont mitlub ma' l-ewwel opportunita'.

Billi ghall-bqija it-talba tas-socjeta' attrici mhijiex kontradetta;

**Tiddeciedi l-kawza billi, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' hames mija tmienja u sebghin Lira u**
**ghaxar centezmi (Lm578.10c) oltre imghaxijiet mill-21**

**ta’ Frar 2000 sad-data tal-pagament effettiv; bl-ispejjes kif mitluba fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------